MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta tat-2 ta' Mejju, 2013

Numru. 260/2007

**PULIZIJA**
**SPETTUR JOSEPH CORDINA**

**VS**

**NAZARENO K/A LESLIE CARDONA**

**IL-QORTI:**

Rat l-Akkuza migjuba kontra l-imsemmi Nazzareno k/a Leslie Cardona detentur tal-karta tal-identita` numru 363844(M).

**Akkuzat talli:**

Fl-14 ta` Marzu 2007 u fiz-zminijiet ta` qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminjiiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmulin b'risoluzzjoni wahda: ircieva minn ghand Massimo Zahra jew kiseb minn ghandu xi weghda li tinghata, ghalih jew ghal ohrajn, b'korrispittiv ghal xi self, imghaxijiet, jew xi qliegh iehor tant liema ghamla li jkun b'access minn dak li jkun permess bil-ligi.

Il-Qorti giet mitluba sabiex jekk jidhrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurta` tal-imsemmi Massimo Zahra u tal-familjari tieghu, jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot l-istess Nazareno Cardona b'obbligazzjoni tieghu innifsu taht penali ta'flus lli tigi ffissata mill-Qorti.

Wara li rat l-Artikoli 18 u 298 C tal-Kapitolu 9 u l-Artkolu 382 A, 383, 384, 386 u 412 tal-Kapitolu 9 u 17, 23, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

Wara li semghet il-provi prodotti u ezaminat id-dokumenti ezebiti;

Wara li hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkunsidrat:**

Illi dan il-kaz jikkoncerna kaz ta` allegat uzura, fejn l-imputat, wara rapport maghmul minn certu Massimo Zahra, huwa akkuzat illi sellef ammont konsiderevoli ta` flus lil dan l-istess Zahra b'rati ta` imghax oghla minn dawk li huma permessi mill-ligi.

Illi jirrizulta sodisfacentement mill-Atti ta’ din il-kawza tlett (3) fatturi predominanti:

1. Illi Massimo Zahra, fil-passat, kellu problemi kbar ta` djun ma` hafna nies u ma’ l-istess Nazareno sive Leslie Cardona tant illi martu, Sonia, kienet talbet separazzjoni gudizzjarja tal-beni ta` bejnha u bejn zewgha u dan biex tissalvagwardja l-interessi taghha u dan minhabba l-problema akuta ta` zewgha tal-vizzju tal-loghob tal-azzard. Dan jirrizulta mid-dokumenti gudizzjarji ezebiti kif ukoll mix-xhieda taghha li inghatat f’dawn il-proceduri u;

2. Illi Massimo Zahra kien jaghmel xi forma ta` business mal-imputat tali li kien ibiegh units ta` air-conditioners lill-terzi akkont tieghu. Fil-fatt, giet ezebita skrittura privata redotta mill-avukat tal-imputat li tikkonsisti f’kostituzzjoni ta` debiti fl-ammont ta` Lm11,239, liema skrittura qatt ma giet iffirmata minn Massimo Zahra. Din l-iskrittura tinkludi lista tal-flejjes dovuti minn Massimo Zahra lill-imputat fosthom l-ammont ta` Lm1,655 li jirraprezentaw il-prezz ta` 3 units ta` air-conditioners u piping tar-ram illi Massimo Zahra kien biegh jew installa lill-terzi akkont tal-imputat;

3. Jammeti wkoll Massimo Zahra illi, minn zmien ghall-zmien, huwa kien jissellef xi flus minghand l-imputat ghaliex huwa kien fil-bzonn. Daqqa kien ihallsu lura u daqqa le. Hlas kien isir jew cash jew b’cheque.

Illi anke mart Massimo Zahra xeghdet illi hi u zewgha kienu gieli jisselfu mill-imputat. Hija taf b’xi okkazzjonijiet fejn hija kienet taf b’dan is-self u ohrajn fejn lanqas biss kellha idea ta` dak li kien qieghed jaghmel zewgha. Ghalhekk, kienet hasset il-htiega sabiex issir is-separazzjoni tal-beni bejnha u bejn zewgha.

Illi indikattiva hija t-trattazzjoni li saret quddiem din il-Qorti, diversament ppresjeduta mill-Ufficjal Prosekutur fil-31 ta` Ottubru 2011,

“Jiena l-unika haga li xtaqt nghid Sinjura l-problema f’dan il-kaz hija li hemm diskrepanza bejn il-provi, il-provi li ressaq il-parte civile u l-provi li ttellghu mill-imputat. Nista` nghid li hemm dubju dwar ghal liema raguni c-cekkijiet u l-flus kienu nghataw u jekk dan kienx self jew jekk kienx fuq xoghol, air-conditioners, fuq business. Milli hareg Sinjura, jiena l-process rajtu, Massimo Zahra qed jinsisti li l-flus kienu fuq self bl-uzura, mentri l-provi li ressaq l-imputat, is-Sur Cardona, juru li l-affarijiet kienu mod iehor. Il-Qorti tiftakar li s-Sur Cardona ressaq diversi nies fosthom familjarji tieghu u nies ohra li qalu li fil-prezenza taghhom dan is-self kien fuq business, anzi s-Sur Cardona kien il-persuna li ghandu jiehu mis-Sur Zahra u mhux the other way round. Jiena, Sinjura, jien nemmen li f’dan il-kaz dubju jezisti, dak li nista` nghid mhux il-kaz li l-Prosekuzzjoni resqet bizzejjed provi biex tipprova l-kaz ta` uzura specjalment wara li rajt anke provi ohra li ttellghu mid-difiza Sinjura. Jiena dak li kelli xi nghid”.

Illi din it-trattazzjoni titkellem wahedha u din il-Qorti hija tal-fehma li ma ghandha xejn izzid ma’ dan.

Ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qed tillibera lill-imputat mill-imputazzjoni li gew dedotti kontrih mill-Prosekuzzjoni.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------